



# L-Iskola tal-Marsa tagħlaq 90 Sena

Excelsior

*Anthony Caruana*

Ma' kull min iltqajt din is-sena, fost ħbieb u konoxxenti li bħali jħobbu l-istorja u wisq iżjed dak kollu li għandu x'jaqsam mal-Marsa, donnu kulħadd nesa li l-iskola li tinsab fi Triq Balbi għalqet 90 sena minn meta twaqqfet. Ħassejt li għandi nagħmel dan l-artiklu fuq din il-binja storika għall-kontribut li tat fit-tkattir ta' edukazzjoni xierqa tista' tgħid lit-tfal kollha tal-Marsa u anki lil xi ftit tal-madwar.

Qabel ma nibda nixtieq nirringrazzja



Photos — Rev. Frans Camilleri.

lis-Sur Raymond Montebello li għoġbu jgħaddili ktejjeb, anzi tnejn, li fihom sibt informazzjoni utli ħafna li turina l-bidu ta' din l-iskola. Raymond huwa wieħed mill-fundaturi tal-Għaqda Storika Kulturali Marsa u meta jkolli bżonnu dejjem jara kif jagħmel sabiex jaqdini mill-aħjar li jista' billi jislifni materjal storiku relatat mal-lokal tagħna. Dwar dan is-suġġett għaddieli dawk li bl-Ingliż insejħulhom 'School Magazines' li huma tas-sena 1955 u 1956. Dawn huma l-ewwel u t-tieni edizzjoni ta' dan il-ktejjeb u jikkommemoraw it-tletin sena mit-twaqqif tal-iskola.

**Il-bidu**

Il-Marsa, għall-ħabta tal-1924-1925, kienet għaddejja minn tkabbir kbir f'dak li għandu x'jaqsam mal-popolazzjoni tal-lokal. Tinsewx li fil-Marsa kienu qed jiġu joqogħdu nies minn kull kantuniera ta' Malta, saħansitra anki minn Għawdex, u dan minħabba l-pożizzjoni strateġika li għandu dan il-lokal. Infakkru wkoll li l-baħar kien l-għajxien ta' eluf ta' nies, min b'merkanzija u min mas-servizzi tal-Maestà tiegħu r-Re tal-Ingilterra li dak iż-żmien kien ir-Re Ġorġ V; in-nannu tar-Reġina Eliżabetta.

Dan wassal biex ħafna Maltin bdew joqogħdu l-Marsa bħala residenti permanenti biex ikunu viċin tal-post tax-xogħol. Maż-żmien dawn bdew jiżżewġu u bdew ġejjin ukoll it-tfal. Il-ħtieġa ta' skola diġà kienet ilha tinħass daqskemm



għaxar snin qabel eżatt inħasset il-ħtieġa li l-Marsa ssir Parroċċa. Biex inkunu preċiżi, fil-15 ta' Settembru 1924, jiġifieri s-sena skolastika 1924-1925, infetħu l-ewwel darba l-bibien għat-tfal tal-Marsa. Kienu b'kollox sitt itfal li bdew l-iskola u l-ewwel Headmistress kienet is-Sinjura Carmela Grima.

Ix-xogħol matul is-sena 1925 kompla wassal sabiex jitlestew tnax-il klassi oħra. B'hekk setgħu jiġu akkomodati tfal minn standard 1 sa 5. Fit-8 ta' Jannar tal-1925 ġiet inawgurata uffiċjalment minn Monsinjur Enrico Dandria, li dak iż-żmien kien il-Ministru tal-Edukazzjoni, flimkien mad-Direttur tal-Edukazzjoni Dr. A. Laferla. Preżenti wkoll kien hemm il-Wisq Reverendu Dun E. Cordina Perez li kien il-Kappillan tal-Ħamrun. L-iskola nqasmet fi tnejn, parti għas-subien u parti għall-bniet. Is-sezzjoni tas-subien kienet immexxija mis-Sur Rocco Farrugia u tal-bniet, kif diġà semmejna qabel, mis-Sinjura Grima.

Sena wara l-ftuħ tal-iskola, fit-12 ta' Frar 1926, ġie jżurha l-Eċċellenza tiegħu Monsinjur Arċisqof ta' Malta Don Mauro Caruana u dakinhar stagħġeb kemm it-tfal Marsin kienu ppreparati u attenti għall-istudju.

Ħaġa interessanti ħafna kienet l-arma tal-iskola. Fil-fatt kienet dik li aħna nsibu bħala l-Excelsior. Tajjeb nintebħu li fost is-simboli li hemm fiha nsibu l-għajn tat-Trinità Qaddisa, tliet stilel li qed jinżlu u jaqtgħu min-nofs l-arma u mdaħħlin ġo faxxa, ktieb li huwa attribwit għall-iskola u torċa wara l-ktieb li jfisser direzzjoni jew għajn ta' tagħlim. Nieħu l-okkażjoni biex nappella li forsi xi darba nieħdu l-pass kuraġġuż u nbiddlu xi ftit l-arma tal-Kunsill tal-Marsa biex tiġi inkorporata wkoll l-Excelsior. B'hekk ta' warajna jibqa' jkollhom rabta mal-passat u mal-istorja tal-Marsa.

**Ulied Marsin li kienu jmorru f'din l-iskola**

Wieħed mit-tfal illustrissimi tal-Marsa, Patri Donat Spiteri, jagħti rakkont dettaljat tal-istudju tiegħu u kif beda mill-iskola tal-Marsa. Semma' d-dixxiplina u d-drawwiet, speċjalment lil Miss Grech li kienet toqgħod għassa



tagħhom u tiflihom minn xagħarhom sa saqajhom bl-uniformi b'kollox. Interessanti wkoll li Patri Donat jagħti dettalji ċari ta' kif kienet l-uniformi dak iż-żmien. It-tfal kienu jilbsu *jumper* blu u ċoff kbir aħmar marbut mal-għonq. Jiftakar ukoll u jfaħħar lis-Surmast u lill-Madam tal-bniet. Jirrakkonta li għalkemm is-Surmast kien qalil u aħrax, il-Madam jew Sinjora kienet twajba ħafna. Biss jgħid li t-tnejn li huma kienu benefatturi kbar tal-Marsa u saħansitra jinsisti li isimhom għandu jitnaqqax b'ittri tad-deheb fl-istorja tal-iskola tal-Marsa.

Wild illustrissimu ieħor mill-Marsa

*ikompli f'paġna 136*



mill-aqwa plejers Maltin li qatt kien hawn, li beda l-karriera tiegħu mill-iskola tal-Marsa.

**Konklużjoni**

Jekk inkompli nikteb fuq l-istorja tal-iskola tal-Marsa żgur li rrid pitazz sħiħ. Nistqarr li kulma semmejt huwa biss il-bidu tagħha sabiex infakkru din il-binja li tant tħalli ġid fostna. Forsi maċ-ċentinarju tagħha nidħol ferm aktar fid-dettall milli dħalt issa u għalhekk j'Alla nerġgħu niltaqgħu...



ABOVE: Senior Wing with Gothic Addolorata Chapel in the distance. This lovely view is now hidden by the Boys' School which is being built, behind our playground.

**Appell Sinċier**

Qabel nagħlaq nixtieq nagħmel osservazzjoni. Persuni li jinteressahom fl-oriġini u fl-istorja tal-Marsa huma ftit, ibda minni u forsi xi ftit persuni oħra li tgħoddhom fuq il-ponot tas-swaba'. Aħna għandna materjal li b'tant għożża ġbarna maż-żmien u forsi hemm xi individwi oħra li rregalawna xi dokumenti. Biss hija ħasra kbira li l-istorja miġbura hija sparpaljata. Mingħajr ma nidħol fid-dettall, ftit żmien ilu, mhux aktar minn sentejn, waslitli informazzjoni ta' telf kbir ta' materjal storiku relatat mal-Marsa. L-individwu li kellu dan il-materjal ħalliena għall-ħajja ta' dejjem u naf fiċ-ċert li kellu kwantità kbira ta' ritratti storiċi u informazzjoni dettaljata fuq il-Marsa li rnexxielu jiġbor tul kemm damet tagħtih saħħtu (kważi ħajtu kollha). Madankollu dawn intilfu għaliex ma kienx hemm interess fihom. Mur ġibhom lura issa! Ma nixtieqx li sitwazzjoni bħal din terġa' tirrepeti ruħha. Nista' naċċertakom li kif tinġabar l-istorja minn fostna l-Marsin ma tista' tinġabar mingħand ħadd.

Persuni oħra li għandhom materjal storiku donnhom ma tantx jieħdu gost jaqsmu ma' ħaddieħor dak li kisbu. Nemmen li dik il-persuna li tkun ġabret l-istorja tul iż-żmien għandha tiġi rikonoxxuta dejjem. Għalhekk l-appell sinċier tiegħi huwa li rridu nkunu aktar proattivi u nagħmlu l-kuraġġ billi npoġġu l-wirt kulturali u storiku Marsi taħt kappa waħda sabiex dawk li jiġu warajna jsibu referenza tajba.